

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Settembru 2008
— Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-143/08) ⁽¹⁾

(“Servizz Pubbliku — Sigurtà Soċjali — Ċaħda tat-talba intiża għar-rimbors ta' 100 % ta' ċerti spejjeż mediċi tar-rikorrent”)

(2008/C 285/77)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn de A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

B'mod partikolari, talba għal annullament tad-deċiżjonijiet tal-uffiċċju ta' ħlasijiet tal-iskema komuni tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-Komunitajiet Ewropej li jirrifjuta, minn naħa, li jħallas lura 100 % ta' ċerti spejjeż mediċi sostnuti mir-rikorrent, u min-naħa l-oħra, li jirrimborsa l-ispejjeż ta' eżami mediku skont ir-regoli applikabbli fir-rigward ta' konsultazzjonijiet ma' tobbja speċjalisti, kif ukoll talba intiża sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas ċerti ammonti tal-ispejjeż mediċi.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Il-partijiet għandhom iħallsu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 22.9.2007 (li qabel kienet il-Kawża F-20/07).

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Settembru 2008
— Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-144/08) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Sigurtà soċjali — Ċaħda ta' talba għall-ħlas lura ta' 100 % ta' ċerti spejjeż mediċi tar-rikorrent”)

(2008/C 285/78)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

B'mod partikolari, minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex jitħallsu lura 100 % ċerti spejjeż mediċi minfuqa u, min-naħa l-oħra, talba sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 89,56 bħala ħlas lura addizzjonali tal-ispejjeż mediċi tiegħu jew bħala kumpens għal dannu.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 234, 6.10.2007 (qabel kawża F-84/06).

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu — Bull et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-333/08)

(2008/C 285/79)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Bull SAS (Les Clayes-sous-Bois, Franza) Unisys Belgium SA (Brussell, il-Belġju) u Tata Consultancy Services (TCS) SA (Capellen, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: B. Lombaert u M. van der Woude, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri:
 - iċ-ċaħda tal-offerta tal-Consortium B-Trust
 - id-deċiżjoni li ma tagħtix il-kuntratt
 - id-deċiżjoni li tagħti bidu għal proċedura negozjata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.